# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 988

KAZ NRU. 1214

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joe Bonnici

u

General Distributors Ltd &
GDL Trading & Services Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Illum: 19 ta' Novembru 1998

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

## 1. INTRODUZZJONI

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 4 ta' Frar, 1998 Ref. MHS/TI/13/98 biex tigi trattata skond l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant Joe Bonnici kien assistit mill-avukat Kenneth Grima fl-ewwel seduta u sussegwentement mill-avukat Joseph Fenech.

Il-parti appellata kienet rapprezentata minn Henry Bonnici assistit mill-avukat Hugh Peralta.

It-Tribunal zamm hames (5) seduti.

## 2. **SOTTOMISSJONIJIET**

Il-parti appellata ssottomettiet li din il-kwistjoni tax-xoghol kienet preskritta peress li l-ittra ta' l-appellant kienet datata 27 ta' Jannar, 1998 meta l-istess appellant kien gie terminat l-impjieg tieghu fl-1 ta' Lulju, 1997.

L-appellant issottometta li hu seta' jipprova li ma ghamilx it-talba tieghu fiz-zmien stipulat ta' erba'(4) xhur ghar-raguni li kellu stat serju ta' dipressjoni u kien fl-impossibilta' fizika illi jaghmel l-applikazzjoni qabel ifieq u dan ghab-bazi tal-principju legali illi hadd ma hu tenut li jaghmel l-impossibbli (N*emo Tenetur ad Impossibilia)*.

## 3. **KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li Statements of Case tal-partijiet, sema' u kkunsidra s-sottomissjonijiet orali ta' l-istess partijiet dwar jekk it-talba tal-appellant Joe Bonnici biex il-kaz tieghu jkun ittrattat skond l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligi kinetx preskritta peress li t-talba ta' l-istess appellant Joe Bonnici kienet saret wara t-terminu ta' erba'(4) xhur stipulati bil-Ligi.

Kronologikament l-impjieg ta' l-appellant Joe Bonnici kien gie ttermiant fl-1 ta' Lulju, 1997 u ssottometta t-talba tieghu biex il-kaz tieghu jigi riferit lit-Tribunal Industrijali fis-27 ta' Jannar, 1998.

It-Tribunal sema' lill-appellant isostni li hu ma setax jirreferi l-kaz tieghu fiz-zmien stipulat ghax ma kienx f'pozizzjoni fizikament tajba li seta' jaghmel hekk.

Bhala sostenn tal-argument tieghu l-appellant ikkwota l-principju li hadd ma hu tenut li jaghmel l-impossibbli, cioe' "*Nemo Tenatur ad Impossibilia*"

Il-parti appellata opponiet l-argument tal-appellant billi spjegat li l-Ligi relevanti dwar it-terminu ta' zmien li jirregola preskrizzjoni ma kienet tipprovdi l-ebda rizervi, u ghalhekk it-Tribunal ma kellu l-ebda triq ghajr li jirrespingi t-talba ta' l-appellant.

Anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument it-Tribuanl kellu jwarrab it-termini stretti tal-Ligi dwar it-terminu taz-zmien ta' erba' (4) xhur biex talba dwar tkeccija mill-impjieg tintbaghat lill-Ministru, li Statement of Case tal-appellant jindika li mmedjatament wara t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu, l-appellant impenja ruhu f'diskussjonijiet bil-ghan li tinstab soluzzjoni bonarja bejn il-partijiet, fattur li ma jindikax li l-appellant kien impossibbli ghalih li jibghat ittra b'semplici talba biex il-kaz tieghu jigi riferit lit-Tribunal Industrijali fiz-zmien ta' erba' (4) xhur stipulati mill-Ligi.

4. **DECIZJONI**

Wara li t-Tribunal ikkunsidra s-sottomissjonijiet miktuba u orali tal-partijiet dwar jekk din il-kwistjoni tax-xoghol ghandhiex titqies preskirtta jew le, isib li l-Ligi rilevanti cioe' l-Artiklu 28(3) tal-Kap. 266 tesigi li biex terminazzjoni tal-impjieg tigi riferita lit-Tribunal Industrijali trid tintbaghat lill-Ministru responsabbli mhux aktar tard minn erba' (4) xhur mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg.

Ma jezisti l-ebda dubju li l-Ligi hija cara bizzejjed, ma tipprovdi l-ebda rizervi u ma thalli l-ebda lok ghall-interpretazzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jsib u jiddeciedi li l-Ligi rilevanti kkwotata aktar 'l fuq tipprekludih li jiehu konjizzjoni ta' din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu, t-Tribunal qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' erbghin lira maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

--------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

----------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**